MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 2101/2004

**Dolores Azzopardi**

**Vs**

**Charles Saliba**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) rapprezentanti danni subiti fil-karozza taghha bin-numru ta' registrazzjoni SQX 111 li kienet qieghda tinstaq minn Lara Azzopardi u li giet involuta f'kollizjoni li grat fil-15 ta' Settembru, 2004 fil-Belt Valletta meta baqghet diehla fiha l-karozza bin-numru ta' registrazzjoni KBB 916 misjuqa mill-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb li huwa m'huwiex responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni.

Ra l-Affidavits ta' Dolores Azzopardi u Lara Azzopardi.

Sema' x-xhieda ta' Tonio Mizzi.

Ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Lara Azzopardi kienet qieghda ssuq il-karozza Volkswagen Polo bin-numru ta' registrazzjoni SQX 111 diehla taht is-sur tal-Belt fejn hemm il-Yellow Garage. F'daqqa wahda hija lemhet il-karozza misjuqa mill-konvenut gejja mid-direzzjoni opposta li giet *wrong side* u laqtitha fil-parti ta' wara taghha.

Wara l-incident il-konvenut skuza ruhu w anki ammetta r-responsabbilta'. Il-konvenut ma xehedx f'din il-kawza.

Mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni billi jirrizulta li kien qed isuq il-karozza *wrong side* u baqa' diehel fil-vettura ta' l-attrici li kienet fil-karreggjata taghha.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, xehed Tonio Mizzi li kkonferma illi l-*labour* sabiex tigi msewwija l-karozza flimkien mal-*parts* necessarji sabiex isiru t-tiswijiet itellghu somma ghal tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350).

Illi ghalhekk jidher illi t-talba tisthoqq li tigi akkolta limitatament ghal din is-somma.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u konsegwentement jikkundannah sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------